MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 446/2007

**Bank of Valletta**

**vs**

**Ernest Briffa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 16 ta` Gunju, 2000 (Dok. A), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Ernest Briffa.

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Ernest Briffa fis-somma ta` hamest elef, erba` mija u disgha u tletin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm5,439.66) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta` Ernest Briffa mal-Bank of

Valletta p.l.c. (Dok. “B”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-10 ta` April, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ernest Briffa:

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Ernest Briffa li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut gie interpellat permezz ta` ittra ufficcjali datata fl-1 ta` Marzu, 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “C”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ernest Briffa (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Ernest Briffa li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Ernest Briffa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hamest elef, erba` mija u disgha u tletin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm5,439.66) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta` Ernest Briffa mal-Bank of

Valletta p.l.c. (Dok. “B” flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-10 ta` April, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata fl-1 ta` Marzu, 2007 u tal-Mandat ta` Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, l-intimat Ernest Briffa baqa` ma pprezenta ebda risposta.

Rat in-nota ta` ammissjoni a fol. 14 tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi dan il-kaz billi:

(1) tilqa` l-ewwel talba.
(2) tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lil Ernest Briffa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €12671 (tnax il-elf, sitt mija u wiehed u sebghin Euro) (Lm5,439.66) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta` Ernest Briffa mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B” flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-10 ta` April, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata l-1 ta` Marzu, 2007 u tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------